KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**9/18**

**Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera msejha b'urgenza skond artikolu 29A, Taqsima II tal-att Dwar Kunsilli Lokali li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru, 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Santa Venera, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera.**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Agenda: Riżoluzzjoni speċjali dwar il-ġbir tal-iskart**

Qabel bdiet il-laqgħa sar qbil mill Kunsillieri kollha preżenti li l-laqgħa setgħet tibda fis-6pm flok kif avżata fis-6.30pm peress li wara din il-laqgħa l-Kunsill għandu avżat laqgħa oħra li hija maħsuba li tibda fis-7.30pm.

Il-laqgħa bdiet fis-6.00pm.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku qara Riżoluzzjoni Speċjali datata 20 ta' Settembru, 2011 liema riżoluzzjoni kienet ġiet preżentata lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv fl-istess ġurnata fil-5.55pm u li qed tifforma parti integrali ma dawn l-istess minuti ta' din il-laqgħa.

Is-Sindku kompla jispjega li imnalla kien is-Sur Stephen Sultana li ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li fil-fehma tiegħu l-Kunsill qatt ma ntgħaraf bl-imsemmija bidla fil-ħin tal-ġbir għaliex wara li jinstema r-recording għandu jiġi stabbilit bla ebda dubju li l-Kunsill wara li kien ikkonsidra l-ħin tal-ġbir kien qabel ukoll li dan il-ħin jinbidel kif fil-fatt kien diġa ġie maqbul u deċiż mill-Kunsill.

Is-Sur Stephen Sultana qal li kien qed jiġbed l-attenzjoni tas-Sindku u l-Kunsillieri preżenti kif ukoll ta' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv li kien id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li qal u ddeċieda li l-laqgħa tat-13 ta' Ġunju, 2011 kienet nulla u għalhekk il-Kunsill ma jistax jaġixxi fuq dak li kien ġie deċiż waqt din il-laqgħa.

Is-Sindku wieġeb li dwar il-validita tal-laqgħa tat 13 ta Gunju, 2011 kellu kemm laqgħat mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll kien diġa tqabbad l-avukat Dr Richard Sladden sabiex jiġġieled din id-deċiżjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għaliex fil-fehma tiegħu d-deċiżjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma tidhirx li hi korretta għax tidher li hija bbażata fuq interpretazjoni żbaljata tal-liġi dwar il-Kunsilli Lokali.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li meta kienet qed issir il-laqgħa tat-13 ta' Ġunju, 2011 kien ġie iċċarat u konfermat li l-laqgħa kienet valida peress li kien hemm quorum meħtieġ skont il-liġi.

Is-Sur Stephen Sultana stqarr li huwa sejjer jibqa jinsisiti li l-laqgħa tat-13 ta' Ġunju, 2011 kienet nulla iżda huwa ma għandux oġġezjoni li jinstama r-recording għall dik il-parti li jissemma li l-Kunsill kien qabel li l-skart domestiku jibda jinġabar wara t-8am u mhux filgħaxija kif kien qed isir issa.

Is-Sindku kompla jinsisti li sal-lum stess kien talab li l-avukat tad-Dipartiment għandu jiltaqa ma l-avukat tal-Kunsill Dr Richard Sladden sabiex jiġi stabbilit darba għal dejjem li din il-laqgħa tat-13 ta' Ġunju, 2011 kienet verament valida.

Instema r-recording tal-laqgħa tat 13 ta' Ġunju, 2011 u deher ċar li l-Kunsill qabel li l-skart jibda jinġabar filgħodu u li kull nhar ta' Tlieta jkun hemm biss ġbir ta skart separat u li l-Kunsill qabel ukoll li nqassmu litteratura fid-djar kollha qabel tibda din il-bidla fil-ħin tal-ġbir ta' l-skart.

Saret diskusjoni mill-Kunsillieri preżenti.

Is-Sindku ippropona li din ir-riżoluzjoni tmur għal vot. Din il-proposta ġiet sekondata mill-Kunsilliera s-Sinjura Mariella Micallef.

Il-proposta marret għal-vot

Ittieħed il-vot

Favur – Horace J. Anastasi – Sindku
Ronald Briffa – Viċi Sindku
Carmel Camilleri – Kunsillier
Mariella Micallef – Kunsilliera

Kontra – Stephen Sultana – Kunsillier
Edwin Formosa – Kunsillier
Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier

Ir-riżoluzjoni għaddiet kif preżentata u għalhekk il-minuti tal-laqgħa tat-13 ta' Ġunju, 2011 għandhom ukoll juru li l-Kunsill kien ukoll iddeċieda li jitbiddel il-ħin u li jiżdied il-jum tal-Ħadd u li t-Tlieta jkun hemm ġbir ta' skart riċikabbli biss u li mhux korrett li fil-minuti hemm imniżżel biss li s-Sindku qal li l-imsemmi ġbir kien qed jiġi kkonsidrat.

Din l-amenda għall-minuti tal-laqgħa tat-13 ta Ġunju, 2011 li turi li kien deċiż li jinbidel il-ħin tal-ġbir tal-iskart domestiku u li jiżdied il-jum tal-Ħadd u li t-Tlieta jkun hemm biss ġbir ta skart riċikabbli ġiet approvata.

Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa b'urġenza ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa sine die.

Joseph M. Formosa
Agent Segretarju Ezekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku